MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 1068/2010

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**Shirley Ann Grange (K.I. 394266M)**

## It-Tribunal

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ tmien mija, tlieta u tmenin ewro w hamsa u tmenin centezmu (€883.85) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenuta lis-socjeta’ attrici skont *Client Contract Number* 377228 rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta’ attrici u dana bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra ufficjali tat-2 ta’ Dicembru, 2009, dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ dana l-att, u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx ir-risposta ghalkemm debitament notfikata.

Ra li l-konvenuta dehret ghas-seduta tal-15 ta' Ottubru, 2010 u taht gurament ammettiet it-talba izda xtaqet illi thallas il-bilanc dovut ratejalment.

It-Tribunal jidhirlu li fic-cirkostanzi s-socjeta' attrici ppruvat il-kaz taghha. It-Tribunal jixtieq illi s-socjeta' attrici tiehu in kunsiderazzjoni hlas ratejali minn naha tal-konvenuta ghas-saldu tad-debitu dovut.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------